MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Numru. 702/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**JOHN VASSALLO**
**JOHAN VASSALLO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Vassallo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 202550 (M) u l-imsemmi Johan Vassallo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 527186 (M).

**Akkuzati talli:**

Nhar is-5 ta` Gunju, 2011, ghal habta tas-sitta nieqes ghaxra ta` wara nofsinhar (17:50hrs), gewwa Triq Antonio Ellul, Mtarfa, u f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Dolozament bil-hsieb li joqtlu lil Josef Grech li ghandu numru tal-Identita` 267081M jew li qiedghu l-hajja tieghu f'periklu car, taw bidu ghall-esekuzzjoni ta` delitt ta` omicidju liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom;

2. Ikkagunaw offiza hafifa fuq il-persuna ta` Josef Grech li ghandu numru tal-Identita` 267081M hekk kif iccertifikat Dr. Maria Grech M.D., u tobba ohrajn;

3. Bla ordni skont il-Ligi tal-Awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghati setgha lill-privat, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil xi persuna cioe` lil Josef Grech li ghandu nmru tal-Identita` 267081M kontra l-volonta` tieghu;

4. Volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat;

5. Ghamlu lil haddiehor, cioe lil Josef Grech li ghandu numru tal-Identita` 267081M, ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, jew jekk kienu pprovokati, ingurjaw b'xi mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6. Lil John Vassallo wahdu permezz ta` xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta` jew iniggez ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. Lil John Vassallo wahdi talli kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta` u bil-ponta, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 41 (1 (a), 218 (1) (a) (b), 214, 221 (1) (2), 86, 87 (1) (c), 338 (dd), 339 (1) (e), 17, 31, 49, 50, 383, 384, 385, 386, 412C, 532B

u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll 3 (a), 6, 51 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u wara li hadet in konseiderazzjoni r-rinunzja tal-parte civile kif ukoll wara li rat il-provi prodotti inkluz illi semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz dawk ic-cirkostanzi li taw lok ghal dan l-incident;
Wara li rat il-koperazzjoni tal-imputati mal-Awtoritajiet investigattivi;

Dina l-Qorti tiddikjara t-tieni, t-tielet u l-hames imputazzjonijiet ezawriti u tillibera lill-imputati mill-ewwel imputazzjoni stante n-nuqqas ta` provi. Dina l-Qorti tikkundanna lill-imputati u ssibhom hatja tar-raba` imputazzjoni, filwaqt li fis-sitt imputazzjoni ssib lill-imputat John Vassallo hati waqt illi tilliberah mis-seba` kif ukoll mit-tmienja.

Fir-rigward tal-piena fil-konfront tal-imputat Johan Vassallo, dina l-Qorti tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien gimghatejn mill-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fir-rigward tal-piena fil-konfront tal-imputat John Vassallo, dina l-Qorti tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-llum ai terminu tal-Artikoli 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------